MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2010

Numru. 291/2010

**Il-Pulizija**
**[Spettur Chris Pullicino]**

**vs**

**Carmela Camilleri**

Kumpilazzjoni Numru: 291/2010

Illum 24 ta’ Mejju 2010

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Carmela Camilleri, ta’ 38 sena, bint Bartolomeo u Maria nee’ Muscat, imwielda Pieta’, nhar is-7 ta’ Marzu, 1971,

residenti Room 408, 115, Triq ix-Xatt, Gzira u detentrici tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 139071(M).

Akkuzata talli fis-7 ta' Jannar, 2010 u fil-gimghat ta' qabel din id-data, flimkien ma' persuna/i ohra, f'diversi hinijiet, gewwa Bahar ic-Caghaq l/o Naxxar u f'imkejjen ohra f'dawn il-Gzejjer, b'diverszi atti ukoll jew maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rezoluzzjoni wahda u cioe' talli;

1. Heddiet lil John Mary Borg b'xi delitt fejn flimkien ma dan it-theddid li kien bil-fomm, kien hemm ordni jew kundizzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 249 (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U aktar talli fl-istess perjodu, hinijiet, lok u cirkostanzi, wzat vjolenza sabiex iggieghel lil John Mary Borg jaghmel, ihalli jsir jew jonqos milli jaghmel xi haga u dan bi ksur tal-Artikolu 251 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. U aktar talli fl-istess perjodu, hinijiet, lok u cirkostanzi, ingurja jew hedded lil John Mary Borg u dan bi skur tal-Artikolu 339 (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess perjodu, hinijiet, lok u cirkostanzi, l-imgieba taghha ikkagunat biza' lil John Mary Borg li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta' tieghu jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, jew xi persuna imsemmija fl-Artikolu 222 (1) u dan bi skur tal-Artikolu 251B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
5. U aktar talli fis-7 ta' Jannar, 2010, ghall-habta ta' 10.20pm u fil-gimghat ta' wara din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqset milli thares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) b'digriet taghha li bih inghatat il-helsien mill-arrest taht garanzija li tirtira gewwa d-dar fejn toqghod mhux izjed tard mid-9:00pm u ma tohrogx minn hemm qabel is-6:00am, li tiffirma gewwa l-Ghassa tal-Qawra fi granet specifici u li ma tikkomemettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li tkun mehlusa mill-arrest.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna offiza u cioe' John Mary Borg jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni

tal-persuna ta' John May Borg minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzata skond l-artikolu 412C tal-Kapitolu 9.

Rat l-artikoli 249(2), 251(1), 251B, 339(1)(e) u 579 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kax jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.
Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum 24 ta' April 2010 l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u kkonfermat din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsdira l-pozizzjoni taghha.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed tinstab hatja l-imputata, l-koperazzjoni taghha mal-pulizija u l-fatt li hija diga ghamlet zmien taht arrest preventiv liema perjodu jidher li kellu effett pozittiv fuq l-imputata fis-sens li issa hija tidher li tixtieq taghmel il-kambjamenti necessarji f'hajjietha, rat ukoll l-fedina penali ta'l-imputata li hija netta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 249(2), 251(1), 251B, 339(1)(e) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tikkundannaha sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal tlett snin. In oltre b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28G tal-istess Kapitolu 9 qed

tpoggi lill-imputata taht ordni ta’ supervizjoni ghal perjodu ta’ tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment.

Il-Qorti spjegat lill-hatja r-responsabbilta taghha u x’jigri jekk hija tikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin jew jekk ma toqghodx ghall-ordnijiet lilha mghotija.

Il-Qorti tordna notifika ta’ din is-sentenza u ta’l-ordni ta’ supervizjoni lid-Direttur ta’l-Ufficju tal-Probation

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------